**Qorti tal-Appell Kriminali**

**GĦAWDEX**

**Onor. Imħallef Dr. Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can), Ph.D.**

**Appell Nru: 17 / 2023 / 1**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Brandon Said**

**Illum 25 ta' Jannar 2024**

**Il-Qorti;**

Rat li l-appellant **Brandon Said**, detentur tal-karta tal-identita' 7695G imwieled nhar it-22 ta' Jannar 1995 u residenti Sea Breeze, Triq il-Knisja, Nadur, Għawdex gie mressaq il-Qorti u akkużat talli nhar id-29 ta' April 2022, għall-ħabta tal-06.30hrs u s-07.00hrs fl-akwati ta' Duru, ġewwa n-Nadur Għawdex:

1. Ikkaċċja jew ipprova jikkaċċja, ħa jew ipprova jieħu għasafar li huma protetti taħt dawn ir-regolamenti, jekk mhux skont dawn ir-regolamenti u skont il-kondizzjonijiet ta' kull liċenzja li tingħata taħtha.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tordna s-sospensjoni jew ir-revoka ta' kull liċenzja jew permess maħruġa taħt ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-

Għasafar Selvaġġi u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, għall-perjodu applikabbli.

Il-Qorti giet mitluba wkoll barra li tagħti l-piena, ai termini tal-Artikolu 51(2) tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna l-konfiska tal-*corpus delicti* u ċioè l-għasafar protetti.

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar l-20 ta' Lulju, 2023, fejn sabet lill-akkużat Brandon Said ħati tal-akkuża unika miġjuba kontra tiegħu u mponiet fuqu multa ta' elf u mitejn Ewro (€1,200) kif ukoll ordnat il-konfiska tal-arma tan-nar ippreżentata in atti, stante li din tammonta għall-*corpus delicti* ai termini tal-liġi.

Inoltre, rat li l-ewwel Qorti ordnat is-sospensjoni tal-liċenzja jew permess rilevanti maħruġa taħt ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, għall-perjodu ta' sentejn (2) mid-data tas-sentenza.

Finalment, rat ukoll li l-ewwel Qorti ordnat id-distruzzjoni tal-*corpus delicti* wara li din is-sentenza tgħaddi in ġudikata.

Rat ir-rikors tal-Appell tal-istess Brandon Said preżentat fir-registru ta' din l-Onorabblli Qorti  fl-1 ta' Awwissu 2023.

Illi l-esponenti hass ruhu aggravat minn din id-decizjoni tal-ewwel Qorti u minnha qieghed jinterpona dan l-umli appell quddiem din l-Onorabbli Qorti tal-Appell;

Illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

(1) Illi l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ma setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-sejbien ta' htija fil-konfront tal-esponenti appellanti stante li mill-assjem tal-provi ma' gewx sodisfatti l-elementi tar-reat li gew addebitati lilu u mill-provi prodotti mill-prosekuzzjoni ma seta' qatt jigi ppruvat illi l-esponenti huwa hati tal-imputazzjoni dedotta kontra tieghu.

**(i) Il-filmat ma giex guramentat mill-persuna li allegatament haditu**

Illi bhala parti mill-provi prodotti mill-prosekuzzjoni gie prezentat filmat, liema filmat allegatament ittiehed mill-istess xhud Olivia Romero Collins. L-istess xhud Olivia Romero Collins waqt id-deposizzjoni taghha fis-seduta lanqas giet muriha l-filmat u ghalhekk lanqas setghet tiehu gurament fuqu u tikkonferma li tabilhaqq dak kien ittiehed minnha jew li kien jittratta l-incident in kwistjoni. Infatti hija xehdet permezz tal-procedura tal-*videoconferencing*. L-ewwel Onorabbili Qorti pero' deherilha li ghandha tiehu fuqha l-oneru li tidentifika lill-imputat mill-filmat kif ukoll li tidentifika x'tip ta' ghasfur kien. Kien jinkombi fuq il-prosekuzzjoni li x-xhud taghraf u tiehu gurament li dak li gie prezentat kien appuntu filmat li hadet hi in konnessjoni mal-incident in kwistjoni. Il-fatt li dan ma giex guramentat mill-persuna li haditu, jirrendi din il-prova inamissibbli.

Inghad fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Jordan Agius*** deciza fl-24 ta' Novembru 2021 mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

> *Jinghad mill-ewwel li fil-kaz odjern l-Qorti għandha għad-dispozizzjoni tagħha l-filmat tal-ġlieda. Irid jingħad iżda illi filwaqt li huwa minn li filmat huwa rakkont ħaj a tempo vegine ta' dak li jkun ġara madankollu fil-kaz odjern il-Qorti tirraviza problema illi timmmina il-valur probatorju ta' dan il-filmat. Dan qed jingħad billi l-persuna li allegatament ġibdet il-filmat, Zak Rapinett, ma ġiex prodott mill-prosekuzzjoni bħala xhud u awtur tal-filmat sabiex jikkonferma l-istess filmat bil-ġurament tiegħu u ghalhekk il-Qorti ma hix ser tieħu in konsiderazzjoni il-kontennut tal-filmat. Din l-istess linja ta' ħsieb kienet ġiet addottata mill-Qorti Kriminali fil-kawza Repubblika ta' Malta vs David sive David Norbert Schembri. Barra minn hekk Max Xuereb lanqas kien f'pozizzjoni jikkonferma jekk il-filmat li nghata kienx l-oriġinal jew inkella kienx ġie mbagħbas u għalhekk din il-Qorti tqis li ma tistax toqghod fuq tali filmat flevalwazzjoni tal-fatti kif ġraw.*

Mill-filmat prezentat l-ewwel Onorabbili Qorti qatt ma setghet tasal ghall-konkluzjoni la li l-persuna li tidher kien l-imputat u wisq anqas li l-ghasfur li jidher kienx wiehed li seta' jigi kkaccjat jew le.

Illi bid-dovut rispett, din l-Onorabbili Qorti qatt ma setghet tidentifika t-tip ta' ghasfur li kien minn filmat qasir li ttiehed minn ammont ta' metri 'l boghod. Il-Qorti ghamlet ezercizzju komparattiv ibbazat fuq l-interpretazzjoni w opinjoni li kien ghamel ix-xhud tal-Birdlife Malta u fuq estratt ta' pagna minn ktieb mal-filmat li gie prezentat. Inoltre ta' min ifakkar li l-ghasfur in kwistjoni qatt ma gie elevat u ghalhekk ix-xhieda kollha li xehdu ghamlu ezercizzju ta' interpretazzjoni suggettiva.

**(ii) L-imputat qatt ma gie identifikat u ma hemm xejn mill-atti li jorbot lill-imputat mal-incident li dwaru huwa gie mressaq.**

Illi skont ix-xhieda tar-rapprezentant ta' Birdlife Malta, fuq il-post dakinhar tal-incident kien hemm 3 persuni biss:

a) Adam Daniel – li ma xehedx f'dawn il-proceduri;
b) Steph Leo – li fi kliem ix-xhud Nicholas Barbara '*m'ghandha xejn x'taqsam imma kienet qieghda hemm fuq il-post*' - u infatti ma xehditx f'dawn il-proceduri; u
c) Olivia Romero Collins– li xehdet f'dawn il-proceduri izda ma kinitx f'pozizzjoni li tidentifika u taghraf lill-imputat u dan nonostanti li kienet fuq il-post mertu tal-allegat incident u nonostanti li giet muriha l-awla kollha tal-Qorti fejn kienet qieghda tinstemgha s-seduta bit-tama illi din tidentifikata lill-persuna li wettqet l-allegat reat.

Illi x-xhieda moghtija minn Nicholas Barbara, ma hija xejn hlief *second hand information* mghoddiha lilu mill-persuni li kienu fuq s-sit u *detto del detto* ta' dak li kien sema' li gara. Infatti huwa jghid li apparti li ma kienx prezenti fuq il-post, lanqas l-istess voluntiera hawn fuq imsemmija ma kienu certi jekk kienx hemm illegalita' jew le f'dak li kienu qeghdin jaraw quddiem ghajnejhom. L-istess Olivia Romero Collins fix-xhieda taghha tal-4 ta' Mejju 2023 tghid : '*And, at the time the police were not called because we believed it to be a turtle dove which is legal, but then late on BirdLife Malta looked at the footage and saw that it was actually a Collared Dove'.*

Jinghad mill-istess xhud Nicholas Barbara fix-xhieda tieghu tat-2 ta' Frar 2023:

> *"Jiena l-involviment tiegħi, jiena ma kontx hemm preżenti dakinhar, biss it-team li kellna dakinhar kienu ġibdu filmat ta' inċident ta' kaċċa, ma kinux ċerti jekk kienx hemm xi illegalità fiha, u jiena bħala uffiċjal tal-Bird Life illi nkun inkarigat minn dan ix-xogħol ukoll kont rajt il-filmat wara. Jekk tippermettili l-Qorti nista; nagħti interpretazzjoni tal-filmat kif rajtu jiena u għalxiex …"*

Illi kif setghet qatt l-ewwel Onorabbli Qorti ssib lill-esponenti hati meta l-persuni li kien hemm in situ a tempo vergine ma kinux f'pozizzjoni li jidentifikawh!?

Infatti mill-atti ma jirrizulta li hemm l-ebda ness bejn l-imputat u dak li kien qieghed jigi akkuzat bih. Jekk xejn il-prova li ngabet mill-proskezzjoni u dan tramite r-rapprezentant tal-Wild Bird Regulation Unit, kienet li l-imputat ghandu licenzja tal-kacca u li fid-data tal-incident l-istagun kien miftuh ghas-summien u l-gamiema.

Jinghad mix-xhud Jean Paul Portelli fis-seduta tal-4 ta' Mejju 2023:

*Ix-xhud : Iva. Kien hemm, kien hemm l-istagun miftuh ghal-kacca. Dik tiftah minn l-ghaxra (10) ta' April sat-tletin (30) ta' April. Dik qieghda ghas-summien.*

*Il-Qorti : Kacca ta' x'hiex.*

*Ix-xhud : Fuq is-summien.*

*IL-Qorti : Fuq is-summien.*

*Ix-xhud : Issa, imbghad ghandek seventeenth (17th) April sat- thirteeth (30th) April . Dak huwa fuq il-gamiem u s-summien.*

*IL-Qorti : Alright. Jigifieri tas-summien kien itwal?*

*Ix-xhud : Iva ghax jibda mill-bidu.*

Illi biss pero' huwa ovvju illi dan il-fatt wahdu ma jfissirx illi l-esponenti effettivament wettaq xi reat.

Illi oltre minn hekk **hadd mix-xhieda mressqa mill-prosekuzzjoni ma kien f'pozizzjoni li jaghraf lill-imputat**, ghax l-unika xhud Nicholas Barbara li kien qieghed jinterpreta *video* mehud minn haddiehor, lanqas ikkonferma li gharaf lill-imputat bhala li huwa l-istess wiehed li jidher fil-video. L-eqreb haga li jghid hija li ' *..l-persuna hawnhekk li qieghed naghrfu li qieghed fil-video, ikkaccja dik li jghidulha collar dove'* . Din bl-ebda mod ma tista titqies li l-imputat gie identifikat.

Inghad fis-sentenza fl-ismijiet *Il-Pulizija vs Joseph Axiak* deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid- 29 ta' Lulju 2016 :

*L-ewwel Qorti fis-sentenza appellata rrimarkat li "mill-filmat preżentat deher ċar li l-fattizzi tal-persuna fil-filmat, l-aktar l-imnieħer ma jħallix dubbju li l-imputat kien il-persuna fid-dura fil-ġurnata li ttieħed ilfilmat". Bir-rispett kollu, meta ħadd mix-xhieda prodotti ma identifikaw kategorikament lill-appellant mir-ritratti u filmati prodotti, la l-persuna stess li ħadet l-istess ritratti u filmati u anqas persuna bhall-PS 1040 John Grima li kien ġia jaf lill-appellant, din il-Qorti ma hix tal-fehma li dak rilevat mill-ewwel Qorti kien raġonevolment suffiċjenti 'l hinn mid-dubju dettat mir-raġuni kif trid il-liġi sabiex iwassal għall-identifikazzjoni tal-appellant bħala l-persuna li kienet fid-dura fid-data relevanti.*

**(ii) Ma ngabitx prova konvincenti li l-ghasfur protett li allegatament ittiehed ma setghax jigi kkaccjat f'dak iz-zmien.**

Illi bir-rispett kollu l-unika prova li ngabet kien li fid-data tal-incident l-istagun kien miftuh ghal zewg speci ta' ghasafar. Dak li r-rapprezent tal-BirdLife Malta qieghed jallega li gie kkaccjat bil-Malti huwa l-'gamiema' u jekk xejn l-unika prova li hemm fl-atti hija li din setghet tigi kkaccjata u mhux le!

Ghalhekk anke li kieku ghall-grazzja tal-argument wiehed ikollu jassumi li kien l-imputat fil-lok tal-incident, jirrizulta mill-provi mressqa mill-prosekuzzjoni stess li ma kien qieghed jitwettaq l-ebda att illegali billi x-xhud tal-Birdlife Malta jitkellem fuq 'gamiema' - speci illi dakinhar setghet effettivament u legalment tigi kkacjata! Infatti l-ewwel Onorabilli Qorti tirrimarka illi:

'*Allegatament, l-akkuzat kien qed jikkaccja collared dove meta l-istagun kien miftuh biss ghall-gamiema u s-summien*'

U dan meta bil-lingwa Maltija l-'*collar dove*' ma huwa xejn hlief il-'gamiema'! L-ewwel Onorabbili Qorti fl-istess sentenza uzat lingwi differenti biex tirreferi ghall-ispeci tal-ghasafar. Huwa ovvju li kien jinkombi fuq il-prosekuzzjoni illi tressaq prova illi l-ghasfur li nstab ma setghax jigi kkaccjat, u tali prova baqghet ma tressqitx.

Illi bid-dovut rispett, il-provi f'kamp kriminali huma mistennija illi jkunu cari u li ma jhallux dubju; u mhux li jkunu tali illi jhallu lok ghal *guess work* biex wiehed jipprova jaqta' ghal-liema ghasfur in partikolari tkun qed issir referenza u jekk dan setghax jigi legalment ikkaccjat. Wara kollox *in dubio pro reo*.

**(iii) Il-prosekuzzjoni prezentat provi kunfliggenti**

Illi dak premess ifisser ukoll illi x-xhieda prodotti mill-prosekuzzjoni stess lanqas qablu bejniethom dwar jekk kienx legali jew le li wiehed jikkaccja ghal certu tipi ta' ghasfur. Apparti li waqt li x-xhud in rapprezentanza tal-Wild Bird Regulation Unit irrefera ghall-isem tal-ghasafar bil-Malti, ix-xhud in rapprezentanza tal-Birdlife Malta irrefera ghall-isem tal-ghasafar bl-ingliz. U minn imkien ma tirrizulta traduzzjoni ufficcjali tal-istess u anqas konferma illi effettivament dawn kienu qed jitkellmu dwar l-istess speci ta' ghasfur.

**(iv) L-ewwel Onorabbili Qorti qieset lir-rapprezentant tal-BirdLife Malta bhala espert taghha**

Illi dan iwassal ghall-punti tal-interpretazzjoni u li ghalkemm l-ewwel Onorabbili Qorti waqqfet l-istess xhud meta dan prova jaghti interpretazzjoni tal-istess filmat, fil-kunsiderazzjonijiet taghha fis-sentenza moghtija, hija ghazlet li tistrieh fuq l-istess '*spjega*' moghtija mir-rapprezentant tal-Birdlife. Ironikament kienet il-Qorti stess li fis-seduta tat-2 ta' Frar 2023 widdbet lill-istess xhud bil-kliem: *bħala xhud ma tistax tagħti interpretazzjoni; trid tkun imqabbad bħala espert. Il-liġi ma tippermettilix, mhux tort tiegħi, tort tal-liġi.* Biex imbaghad, stranament fil-motivazzjoni li wasslet ghas-sentenza moghtija, l-istess Onorabbili Qorti qieset appuntu lill-istess rapprezentant tal-Birdlife Malta bhala espert taghha. 'Espert' illi lanqas biss ma gie mistoqsi fuq id-distinzjoni ta' bejn iz-zewg ghasafar li kienu qed jissemmew fil-procedura biex forsi l-ewwel Qorti ssib xi ftit konfort sabiex din tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha.

**(v) Prosekuzzjoni ma gabitx l-aqwa prova**

Mhux hekk biss izda bid-dovut rispett, l-ewwel Qorti ghazlet ukoll li tistrieh fuq zewg pagni minn ktieb esebit mill-istess xhud fejn fih allegatament hemm id-differenza bejn iz-zewg speci ta' ghasafar li ssemmew. Din zgur ma tammontax ghall-proverbjali l-'aqwa prova' li tinkombi fuq il-prosekuzzjoni sabiex wiehed jiddistingwi ghasfur minn iehor. Wiehed kien jistenna li forsi ssir tali mistoqsija lir-rapprezentant tal-Wild Bird Regulation Unit li xehed f'dawn il-proceduri, izda dan gie mistoqsi unikament fuq il-licenzja u dwar jekk kienx stagun miftuh jew le. Kien jinkombi fuq il-prosekuzzjoni li ggib l-aqwa prova u mhux tistrieh fuq zewg pagni sfuzi minn ktieb li hadd ma jaf kemm hu attendibbli, u illi min kitbu ma halifx il-kontenut ta' dak li kiteb. Daqs li kieku fuljett kwalunkwe jista' qatt jinghata valur probatorju meta dan anqas biss ma' jigi mahluf. Dan anqas fil-kamp civili ma jsir, ahseb u ara fil-kamp kriminali.

Illi fuq l-istess vena, tajjeb jinghad illi dan ir-rapprezentant Nicholas Barbara la kien fuq is-sit tal-allegat incident u wisq anqas ma kien involut f'xi elevazzjoni tal-ghasfur in kwistjoni sabiex seta' jikkonstata jekk dak tabilhaqq kienx *collared dove* jew le. Wiehed ghalhekk jistaqsi kemm hi attendibbli x-xhieda ta' dan fejn huwa jghid illi gharaf dan l-ghasfur semplicement minn filmat - aktar u aktar meta l-kollegi tieghu li kienu in situ ma setghux jgharfuh. Bid-dovut rispett, ghalkemm huwa minnu li jidher ghasafur fil-filmat, il-prova li riedet iggib l-prosekuzzjoni minghajr dubbju dettat mir-raguni kienet dik li l-ghasfur kien wiehed protett, u tali prova kellha tingieb bi provi cari, univoki u li ma jhallu l-ebda dubju - xi haga li fil-fatt ma saritx.

Illi l-esponenti appellanti jikkontendi illi dan il-filmat ma kellu qatt u qatt iwassal ghall-sejbien ta' htija fuq din l-akkuza in partikolari. Dana tenut kont ukoll tal-grad tal-prova illi huwa rikjest fi proceduri ta' din in-natura, u tenut kont ukoll tal-fatt illi se mai, kellha tkun il-prosekuzzjoni illi tressaq provi lil'hinn minn dubju dettat mir-raguni f'dan ir-rigward - haga illi l-istess prosekuzzjoni decizament naqset milli taghmel.

**TALBA**

Ghal dawn il-motivi u ghar-ragunijiet 'l ohra kollha gia esposti quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti, kif ukoll ghal dawk ir-ragunijiet kollha li jistghu jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-appell, filwaqt li r-rikorrenti Brandon Said jinterponi umli appell mid-decizjoni imsemmija moghtija nhar l-20 ta' Lulju 2023, jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti tal-Appell joghgobha **thassar u tirrevoka** d-decizjoni appellata fil-konfront tal-esponenti, u tghaddi biex tillibera lill-istess esponenti mill-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Rat in-nota ta' referenzai  tal-Avukat Generali prezentata fl-atti

Rat li din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti hekk kif ippreseduta.

Rat id-dokumenti ppreżentati.

Eżaminat il-provi prodotti fil-proċess.

Semgħet is-sottomissjonijiet orali magħmula mill-partijiet fis-seduta tas-6 ta' Diċembru 2023.

Rat li din il-kawża ġiet differita għas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

Illi fl-ewwel aggravju l-appellant jistqarr fir-rikros tal-appell tieghu illi l-ewwel Qorti ma setgetx issibu hati tal-imputazzjoni u dan ghaliex mill-provi l-element tar-reat ma jissustux u ghalhekk indirettament qed jghid li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi imresqa quddiemha

Illi hu principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tibdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi maghmula mill-ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk l-ewwel Qorti kinitx ragonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura dik tkun raguni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

**F'dan il-kuntest wiehed jista' jara s-segwenti sentenzi:**

**Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi deciza fl-14 ta' Frar, 1989;**

**Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace deciza fil-31 ta' Mejju, 1991;**

**Il-Pulizija v. Raymond Psaila u Edward Ellul deciza fit-12 ta' Mejju, 1994;**

**Il-Pulizija v. Amadeo Brincat u Martin Dimech deciza fis-6 ta' Gunju, 1994;**

**Il-Pulizija v. Carmelo Schembri deciza fit-28 ta' April, 1995;**

**Il-Pulizija v. Ezzawi Mehemed deciza fit-3 ta' Novembru, 1995; u**

**Il-Pulizija v. Giovanni sive John Micallef fit-18 ta' Marzu, 2010;**

**kollha appelli kriminali.**

**Illi maghmula din il-konsiderazzjoni wiehed ghandu biex ighaddi ghall-ezami ta' xhieda u dokumenti esebiti u taghmel analizi taghhom.**

Rat l-affidavit maghmul minn **PS 156 L. Attard** prezentat fl-atti a fol. 14 li fih jghid li nhar id-29 ta April 2022 ghal madwar 06.50hrs BirdLife *personelle* kienu sitwati madwar id-Duru wastewater pumping station in-Nadur. Raw kaccatur li kien qed jikkacca tahthom fil-wied. Semghu lill-kaccatur jispara lejn ghasfur.

Dak li originarjament hasbu li kien sparar legali fuq turtle dove jirrizulta li kien fuq 'collared dove'. Il-kaccatur gie ffilmjat jaqbez minn fuq hajt tas-sejjiegh taht fejn kien hemm il-'collared dove'. Dan segwa il-'collared dove' sakemm qabadha u telaq 'l hemm. Tal-BirdLife identifikaw il-kaccatur imsemmi bhala Brandon Said.

Nhar is-6 ta' Gunju 2022 huwa nterroga lil Brandon Said fl-ghassa tal-pulizija tar-Rabat u wara li nghata d-drittijiet tieghu kollha legali dan irrifjuta li jwiegeb kull domanda li giet imposta lilu.

Rat ix-xhieda ta' **Nicholas Barbara** moghtiha viva voce ghan-nom ta' BirdLife Malta nhar it-2 ta' Frar 2023 . Jghid li nhar id-29 ta' April 2022 bhala parti mix-xoghol taghhom gieli jkunu qeghdin fuq barra fejn anke jkollhom timijiet ta' vountiera li jmorru maghhom f'Malta u kemm f'Ghawdex u jaraw l-andament tal-istagun tal-kacca. Dakinhar kienu team ta' tlieta minn nies gewwa in-Nadur, Ghawdex. Wiehed minn dawn it-tlieta minn nies Adam Daniel illum mejjet. Mieghu fuq il-post kien hemm il-kollega tieghu Steph Leo u Olivia Romero li dak iz-zmien li xehed kienet qieghda Costa Rica ghalkemm setghet tixhed *online* .

Qal li huwa dakinhar ma kienx prezenti izda it-team li kellhom dakinhar kienu gibdu filmat ta' incident tal-kacca u ma kienux certi jekk kienx hemm xi illegalita fih u ghalhekk huwa bhala ufficcjal tal-BirdLife ra dan il-filmat. Jghid li gibed numru ta'

screen shots li esebixxa il-Qorti u kkonferma li l-appellant huwa l-istess pesuna li jidher fl-iscreenshots u li kien qed jikkaccja ghall-'collared dove'. F'dak iz-zmien tas-sena l-unika zewg ghasafar li kienu permessi mill-ligi hija l-gamiema mgharufa bhala il-Euroepan Turtle dove u s-summiem mgharuf bhala dommon quail. F'dan il-kaz fil-video jidher persuna li qed jaqbad f'idejh Collared Dove u wara joqtolha b'halqu. Qal li dawn l-iscreenshots gew mehuda mill-filmat li huwa ghadda lil-pulizija Huwa ghamel cirku bil-biro madwar l-ghasfur li nqatel. Ikkonferma li huwa ma kienx prezenti fuq il-post u kull ma qed jaghmel hu li jaghti interpretazzjoni tal-filmat li kien ra.

Huwa pprezenta wkoll kopja tal-ktieb Collins Bird Guide li turi d-differenza cara bejn x'inhija gamiema li kient kaccabbli dak iz-zmien, il-Euroepan Turtle Dove u l-Collared Dove. Il-Collared Dove tidher li ghandha d-denb twil, il-kulur taghha huwa griz u fit-tieni screenshot jidher l-ghasfur qed jiftah id-denb biex jipprova jahrab mill-kaccatur. Jidher car li fuq dan l-ghasfur ma hemmx barring fuq denb tal-ghasfur, m'hemmx iswed u abjad. Fuq il-gamiema li hija l-ghasfur li jista' jigi kkaccjat, din ghandha l-iswed u l-abjad li huwa evidenti 'l ghala huwa ghamel ir-rapport tieghu. Huwa pprezenta kopja tal-filmat li gie markat bhala Dok MB. Jikkonferma li huwa baghat l-e mail lill-pulzija nhar il-5 ta' Mejju u wara kien gie avzat li kienu ser iressqu lill-appellant il-Qorti.

Jaqbel li dak li qal hija l-interpretazzjoni tieghu ta' dak li ra fuq il-video li ma hax hu ghaliex fuq il-post ma kienx . Mistoqsi jekk l-ghasfur kienx gie f idejn il-BirdLife jghid li le. L-analizi li ghamel huwa minn dak li ra fuq il-video ghaliex l-ghasfur ma jafx jekk ingabarx, f'idejh qatt ma kien.

Rat ix-xhieda ta' **John Paul Portelli** moghtiha nhar l-4 ta' Mejju 2023 in rapprezentanza ta' WBRU u pprezenta kopja tal-licenzja tal-appellant li giet markata bhala Dok JPP. Mistoqsi x'kien l-involviment tieghu f'dan il-kaz jghid li ma kellu l-ebda involviment. Mistoqsi meta kien miftuh l-istagun tal-kacca fis-sena 2022 jghid li kien mill-10 ta' April sat-30 ta' April 2022 fuq is-summien Mis-17 ta April sat-30 ta April 2022 huwa miftuh fuq il-gamiem u fuq is-summien. Ikkonfema li fid-29 ta' April 2022 wiehed seta' jikkaccja ghall-gamiem u ghas-summien. Spjega li kull min jikkaccja fix-xahar ta' April

irid ikollu licenzja specjali u l-appellant ghandu licenzja biex jikkacca kemm ghall-gamiem kif ukoll ghas summien.

**Olivia Romero Collins** xehdet online bil-lingwa Ingliza nhar l-4 ta Mejju 2023. Tghid li kient giet mibghuta Ghawdex mid-dirigenti tal BirdLife sabiex timmonitorja l-kacca tar-rebbiegha. Nhar id-29 ta' April 2022 hija gibdet filmat ta' incident li sehh gewwa Ghawdex. Dakinhar ghall-habta tas-6.50a.m. tghid li semghet xi sparaturi li bdiet tiffilmja u rat ragel jimxi fil-madwar tal-ghelieqi ifittex xi haga. Kellu arma u sab xi haga u cioe' ghasfur mal-art u gabru imbaghad ghamel xi haga bih b'halqu u poggih fil-but u mexa 'l hemm. Dak iz-zmien ma cemplux lill-pulizija ghaliex hasbu li kienet Turtle Dove li hija legali li tigi kkaccjata izda aktar tard l-BirdLife raw il-filmat u indunaw li kien ghasfuq Collar Dove. Mistoqsija iddur dawra mal-awla u tara jekk tgharafx lil xi hadd tghid li ma tgharaf lil hadd. Tghid li hija rat l-ghasfur meta kienet qed tigbed il-filmat l-ghasfur qatt ma spicca f'idejha.

**Ikkunsidrat**

L-appellant jilmenta li l-filmat li huwa esebit fl-atti ma giex gurametnat mill-persuna li gibditu. Jghid l-appellant li l-filmat ma giex muri lil Olivia Romero Collins u ghalhekk dan il-filmat jibqa' bla awtur tieghu.

Minn ezami tad-dokumenti attakkat mill-appellant, u tad-dispozizzjonijiet rilevanti tal-ligi bl-ebda mod ma jirrizulta li dan l-istess dokumenti m'huwiex ammissibbli. Xi prova jew liema grad ta' prova dan id-dokument jista' jikkostitwixxi, fil-kuntest anke ta' dak li jghid l-appellant fir-rikors tal-appell ma tressqet l-ebda prova dwar l-awtenticita' tieghu. Hija kwistjoni ohra assolutament differenti w indipendenti minn dik dwar l-ammissabilita' ta' dan l-imsemmi dokument. Il-kwistjoni vera u proprja, hawnhekk, m'hijiex dik jekk dan id-dokument huwiex ammissibbli jew le, izda dwar x'valur probatorju ghandu jinghata lill-istess dokument - kwistjoni, din, li tiddependi mill-provi kif jigu prodotti u jizvolgu ruhhom fil-kors tal-proceduri gudizzjajri. L-ammissibbilita' o meno ta' prova dokumentarja u l-valur probatorju li prova dokumentarja jista' jkollha huma zewg kuncetti totalment distinti, u wiehed irid

joqghod attent biex ma jikkonfondix il-wiehed mal-iehor. Dokument ta' awtenticita' indubbja infatti, jista ma jkunx ammissibbli taht certi fattispecji, u minn naha l-ohra, dokument legalment ammisaibbli jista' ma jkollu l-ebda siwi bhala prova ghax tkun tonqos il-prova ta' l-awtenticita' tieghu.

Illi huwa minnu li filmat ikun rakkont haj ta' dak li jkun gara pero' huwa importanti ukoll li il-filmat li jigi esebit fl-atti jigi konfermat sabiex jikkostitwixxi prova vera u ta' valur. F'dan il-kaz kien ikun iktar importanti li l-fimat jigi muri lix-xhud Olivia Romero Collins waqt id-depozizjoni taghha biex jigi kkonfermat minnha specjalment meta tqis li waqt li kienet qed tixhed u giet muriha n-nies li kien hemm fl-awla ma kinitx f'pozizjoni li tidentifika lill-appellant bhala l-kaccatur li dakinhar kien allegatament qatel Collared Dove. Ghalhekk ma hemm l-ebda nexus bejn dan il-filmat li gie esebit u l-proceduri li huma ghaddejjin fil-konfront tal-appellant de quo.

Meta l-partijiet fi proċeduri penali, jagħżlu li jressqu prova, huma jridu jissodisfaw il-*best evidence rule*, ċioe' jridu jressqu l-aħjar prova li tkun tista' tiġi preżentata fil-każ konkret. Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri</u>** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali, ġie ritenut is-segwenti:

> *Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill-gudikant sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.*

Hu mistenni mill-partijiet li jkunu jridu jippruvaw il-każ tagħhom li jressqu l-aħjar prova disponibbli għalihom. Bħala regola, jekk jiġi b'xi mod muri li dik l-evidenza li tkun tresqet ma tkunx l-aħjar evidenza li l-parti li tipproduċiha kienet f'qagħda li tressaq, il-Qorti tkun trid tiskarta dik l-evidenza u ma tistrieħx fuqha. Din ir-regola hija ntiża li tassikura li l-evidenza li titressaq tkun awtentika, veritjiera u b'saħħitha u mhux qarrieqa, kontraffatta jew dgħajfa. Għalhekk il-parti li trid tipprova fatt jew allegazzjoni trid tressaq evidenza li tkun l-aħjar evidenza li tista' tinġieb quddiem il-

Qorti minn dik il-parti, u li jkun possibbli għal dik il-parti li tressaqha. Jekk dik l-evidenza tkun teżisti u disponibbli allura dik il-parti hija obbligata li tressaq dik l-evidenza u ebda evidenza oħra. Dik il-parti tkun tista' biss tressaq quddiem il-Qorti evidenza oħra, li ma tkunx l-aħjar evidenza biss meta l-aħjar evidenza ma tkunx tista' tinġieb minn dik il-parti. Fi ftit kliem din ir-regola teskludi evidenza ta' kwalita inferjuri meta evidenza ta' kwalita superjuri tkun disponibbli; u tippermetti evidenza ta' kwalita inferjuri biss meta l-evidenza ta' kwalita superjuri ma tkunx disponibbli.

F'dan is-sens allura d-dottrina tagħmel distinzjoni bejn evidenza primarja u evidenza sekondarja. L-evidenza primarja hija dik li titqies, minn natura tagħha stess, bħala l-aħjar evidenza fiċ-ċirkostanzi tal-każ b'mod li teskludi li jkun hemm evidenza oħra aħjar minnha. Din l-evidenza tirbaħ fuq tipi ta' evidenza oħra minħabba li tkun kwalitattivament superjuri għal kull tip t'evidenza oħra li tista' tkun disponibbli. Minħabba li tkun ta' kwalita aqwa u aħjar, din l-aħjar evidenza toffri iżjed kunfidenza u serħan il-moħħ lil min ikun irid jiġġudika l-fatt peress li tagħtih iżjed ċertezza li fuqha jkun jista' jserrah id-deċiżjoni tiegħu.

L-evidenza sekondarja, mill-banda 'l oħra hija tip t'evidenza li minnha nnifisha tippresupponi l-eżistenza ta' xi evidenza li tkun kwalitativament aħjar minnha; iżda minħabba xi raġuni partikolari dik l-evidenza li tkun kwalitativament superjuri għaliha ma tkunx tista' tiġi prodotta bi prova fil-proċess penali. Minħabba li din l-evidenza sekondarja titqies kwalitativament inferjuri għall-evidenza primarja li ma tistax tiġi prodotta b'evidenza fi proċeduri kriminali għajr ħlief meta ma jkunx possibbli li titressaq l-evidenza primarja.

L-eżempju klassiku huwa dak li jitnissel mill-evidenza dokumentarja. L-aħjar prova dwar l-eżistenza ta' dokument hija kostitwita mill-produzzjoni ta' dak id-dokument fl-oriġinal tiegħu. Id-dokument oriġinali huwa l-evidenza primarja. Bosta drabi l-aħjar prova ta' dak id-dokument teħtieġ ukoll l-awtentikazzjoni tiegħu, għajr fejn il-Liġi stess teħles mill-ħtieġa tal-awtentikazzjoni f'ċirkostanzi speċifiċi legalment stabbiliti. Mill-banda l-oħra kopja ta' dak id-dokument, u allura dokument li jista' jkun identiku fil-forma u l-kontenut iżda li ma jkunx l-oriġinal, ikun jista' jitqies li huwa evidenza sekondarja tal-kontenut tad-dokument oriġinali. Iżda l-parti li tkun trid tipproduċi d-dokument b'evidenza hija obbligata li tressaq id-dokument fl-oriġinal tiegħu u mhux

il-kopja tiegħu. Dan peress li l-evidenza primarja, ossija l-aħjar prova tad-dokument huwa d-dokument oriġinali nnifsu. F'dan il-kaz ma ghandna l-ebda prova li l-filmat li gie esebit il-Qorti huwa dak l-istess filmat li allegatament gie moghti lill-pulizija u li hu dak mehud mix-xhud Olivia Romero Collins u dan ghaliex fl-ebda hin ma hija giet mistoqsiha jekk il-filmat esebit il-Qorti kienx l-istess wiehed li gie mehud minnha. Lanqas ma hawn prova li dan il-filmat li huwa esebit il-Qorti gie mehud fil-jum tal-allegat incident u dan ghaliex ix-xhud minkejja li rat l-incident isehh ma setghetx tgharaf lill-appellant bhala l-pesuna li gabret xi haga mill-art u dahlitha fil-but. Illi ghalhekk din il-Qorti taqbel mal-appellant li dan id-dokument ghandu jigi skartat u m'ghandux jitqies bhala xi prova inkriminatorja fil-konfront tal-appellant odjern.

Fit-tieni aggravju tieghu l-appellant jistqarr li huwa fl-ebda hin ma gie identifikat bhala l-kaccatur li allegatement qatel Collared Dove nhar id-29 ta' April 2022. Il-prosekuzzjoni resqet biss lil Olivia Romero Collins tixhed dwar l-incident u viva voce fil-Qorti tghid li ma gharfet lil hadd fl-awla bhal persuna li setghet kienet fuq l-post tal-incident mertu tal-kawza. Il-persuna li allegatament kienet ma din Olivia fuq il-post u cioe Stephen Leo ukoll ma ngabx jixhed il-Qorti. Naturalment ir-rapprezentant tal-BirdLife li xehed, ta l-ispjega tieghu ta' dak li allegatament ra fil-filmat u mhux ghaliex kien qiegehd fuq il-post. Jigi mfakkar li dan il-filmat ma jikkostitwix prova f'dan il-kaz ghaliex ma gewx segwiti id-dettami tal-ligi fir-rigward ta' esebizzjoni ta' dokument. Ghalhekk ghandu ragun l-appellant fit-tieni aggravju tieghu ukoll.

Dwar it-tielet aggravju l-appellant jistqarr li ma ngabet l-ebda prova dwar it-tip ta' ghasfur li gie maqtul dak in-nhar tad-29 ta' April 2022 u dan ghaliex fl-atti ma hemm l-ebda ghasfur li gie esebit . Il-filmat ma hux ser jinghata widen bhala prova stante il-manjiera ta' kif gie esebit u in vista tal-fatt li hadd ma gie prodott biex jghid li huwa ezamina ghasfur Collared Dove li gie maqtul dakinahr tad-29 ta' April 2022 fl-akkwati tad-Duru in-Nadur, din il-Qorti ma thossx li l-Prosekuzzjoni ppruvat il-kaz taghha sal-grad rikjest mill-ligi u cioe' lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. Ix-xhud li xehed in rappresentanza tal-BirdLife ghamel l-apprezzament tieghu biss a bazi tal-filmat li allegatament kien gie moghti lilu minghajr ma giet osservata ic-*chain of custody*, liema filmat gie deskritt *supra* bhala prova bla valur probatorju li l-Qorti ma tistax torbot fuqu.

Ghalhekk fid-dawl tas-suespost din il-Qorti qieghda tilqa' l-appell tal-appellant u tirrevoka is-sentenza moghtiha mill-ewwel Qorti u ghalhekk qieghda tillibera lill-appellant minn din l-imputazzjoni u piena.

**(ft) Consuelo Scerri Herrera**
**Imħallef**

**Margaret De Battista**
**Assistent Registratur**